**148. L-Onor. Stanley Zammit, jipproponi:**

Billi nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2023, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-lppjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti - Avviż Legali 96 tal-2023 (Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp Kap. 552);

Billi jirriżulta li wħud mis-sidien ta' proprjetà mhumiex f'pożizzjoni li jqiegħdu fis-suq jew jakkwistaw self bankarju għall-proprjetà tagħhom minħabba illegalità li mhix sanzjonabbli li setgħet seħħet qabel l-2016;

Billi huwa meħtieġ li apparti applikazzjonijiet għar-regolarizzazzjoni għal bini irregolari u strutturi li kompletament jaqgħu fil-konfini tal-iżvilupp għandhom jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet għar-regolarizzazzjoni ta' każijiet ġenwini ta' proprjetajiet ta' qabel l-2016 u li għandhom is-sit tagħhom parzjalment lil hinn mill-konfini tal-iżvilupp iżda li huma koperti b'permess eżistenti inkluż fejn l-iżvilupp kollu hu f'Settlement Rurali ta' Kategorija 1 sakemm, fi kwalunkwe każ, ma joħloqx ħsara lil tal-madwar;

Billi wasal iż-żmien li pajjiżna ma jibqax iqis l-iżvilupp bħala attività li trid issir akkost ta' kull ħsara li kapaċi tagħmel, trid żvilupp li huwa tassew sostenibbli u li jikkumplimenta l-viżjoni li pajjiżna għandu bżonn għall-protezzjoni tal-ambjent u huwa meħtieġ li ż-Żoni Barra mill-Iżvilupp (ODZ) u l-pajsaġġ uniku ta' pajjiżna jiġu protetti anke billi art pubblika tiżdied maż-żoni meqjusin barra miż-żona ta' żvilupp u li jkun meħtieġ il-vot ta' żewġ terzi tal-Parlament sabiex art li hija barra miż-żona ta' żvilupp tiddaħħal fiż-żoni tal-iżvilupp;

Billi l-imsemmi Avviż Legali kif ippreżentat jagħti lok għall-interpretazzjoni li dan l-eżerċizzju jippremja lil min abbuża, li jikkonferma atroċitajiet fl-iżvilupp u li jippromwovi l-kultura ta' sanzjonar għaliex, b'mod wiesa' ħafna, jagħti jedd lil min abbuża biex igawdi l-frott tal-għemil abbużiv tiegħu billi jħallas xi penali jew piena finanzjarja;

Billi l-kelma "parzjalment" f'Artiklu 3 (ċ) mhix definita tant li skont it-tabella li ser tiżdied tista' tfisser sa 10,000 metru u aktar, u t-test ma jpoġġi l-ebda limitu għall-erja li testendi fiż-Żona Barra mill-Iżvilupp (ODZ) jew xi proporzjon (ratio) bejn il-parti li hi fl-erja ta' żvilupp u l-parti li mhix;

Billi għandu jiġi kkunsidrat jekk ir-regolarizzazzjoni fiż-Żona Barra mill-lżvilupp (ODZ) tistax issir jew le f'siti Natura 2000 u żoni ta' relevanza storika jew wirt kulturali apparti l-każijiet fejn "l-iżvilupp ma jikkostitwixxix ħsara lill-amenity";

Billi huwa xieraq illi l-Parlament permezz tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-lżvilupp jistabbilixxi policies u kriterji ta' fejn u liema tip ta' żvilupp jista' jiġi regolarizzat sabiex il-proċess ikun wieħed ċar, trasparenti u ta' governanza tajba;

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti - Avviż Legali Numru 96 tal-2023 - għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fir-regolament 4 il-proviso li jaqra:

""Iżda l-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ma għandhomx japplikaw għal applikazzjoni sottomessa skont is-subregolament (2) għar-regolarizzazzjoni ta' konċċessjoni ta' Kategorija B b'permess."; u"

għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"“Iżda l-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ma għandhomx japplikaw għal applikazzjoni sottomessa skont is-subregolament (2) għar-regolarizzazzjoni ta' konċċssjoni ta' Kategorija B b'permess:"; u"

2. Fir-regolament 4 il-kliem:

"(iv) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi mħassar."

għandhom jiġu sostwiti bil-kliem:

"(iv) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"“Iżda wkoll żvilupp eżistenti irregolari jista' biss jiġi regolarizzat skont policy u kriterji riferuti mill-Ministru u approvati mill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.".".

**19 ta' Mejju 2023**

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-seduta 140 tat-28 ta' Ġunju 2023**